

Brussell, 24 ta' Lulju 2026
(OR. en)

12062/26

AG 125
INST 300
SOC 510
FREMP 260
SUSTDEV 64
FISC 267

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Lulju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 4960 final
Suġġett:	DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI ta'17.7.2026 dwar it-talba għar-reġistrazzjoni, skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata "Id-Dritt għal Dar! Issa u Dejjem"

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2026) 4960 final.

Mehmuż: C(2026) 4960 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 17.7.2026
C(2026) 4960 final

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta'17.7.2026

**dwar it-talba għar-reġistrazzjoni, skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament
Ewropew u tal-Kunsill, tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “Id-Dritt għal
Dar! Issa u Dejjem”**

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

ta'17.7.2026

dwar it-talba għar-reġistrazzjoni, skont ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “Id-Dritt għal Dar! Issa u Dejjem”

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/788 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar l-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Talba għar-reġistrazzjoni ta' inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “Id-Dritt għal Dar!”. Issa u Dejjem” ġiet ippreżentata lill-Kummissjoni fit-23 ta' April 2026.
- (2) Permezz ta' ittra tas-26 ta' Mejju 2026 (C(2026) 3498 final), skont l-Artikolu 6(4) tar-Regolament (UE) 2019/788, il-Kummissjoni infurmat lill-grupp ta' organizzaturi li fir-rigward tat-talba għar-reġistrazzjoni mressqa fit-23 ta' April 2026, ġew issodisfati r-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 6(3), l-ewwel subparagrafu, il-punti (a), (d) u (e), ta' dak ir-Regolament u li l-Artikolu 6(3), l-ewwel subparagrafu, il-punt (b), tiegħu ma kienx applikabbli. Madankollu, il-Kummissjoni spjegat ukoll li partijiet mill-inizjattiva ma ssodisfawx ir-rekwiżit stabbilit fl-Artikolu 6(3), l-ewwel subparagrafu, il-punt (c), tar-Regolament (UE) 2019/788.
- (3) Għalhekk, il-Kummissjoni infurmat lill-organizzaturi skont l-Artikolu 6(4), l-ewwel subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2019/788 li jistgħu jew jemendaw l-inizjattiva biex iqisu l-valutazzjoni tal-Kummissjoni, jew iżommu, jew jirtiraw, l-inizjattiva inizjali f'konformità mal-Artikolu 6(4), it-tieni subparagrafu, tar-Regolament (UE) 2019/788.
- (4) Fit-22 ta' Ġunju 2026, il-grupp ta' organizzaturi ressaq inizjattiva emendata.
- (5) L-għan tal-inizjattiva emendata kif espress mill-organizzaturi huwa li “jintalab aċċess għal akkomodazzjoni li tkun affordabbli, sostenibbli u ġusta”. L-organizzaturi jappellaw għal disa' miżuri: (i) “Jiġu rregolati l-kirjiet għal żmien qasir u l-postijiet battala”; (ii) “Jiġi konvertit bini vojt, bħal djar u uffiċċji battala, f'akkomodazzjoni”; (iii) “Jinħolqu incenċivi u permessi rapidi biex ir-rinnovazzjoni ssir l-ewwel għażla”; (iv) “Jiġi żgurat li l-flus pubbliċi jservu lin-nies mhux lill-ispekulaturi”; (v) “Jiġu riformati r-regoli fiskali sabiex il-gvernijiet ikunu jistgħu jinvestu aktar fl-akkomodazzjoni”; (vi) “Jinholq fond tal-UE għall-akkomodazzjoni”; (vii) “Jiġu

¹ ĠU L 130, 17.5.2019, p. 55, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/788/oj>

stabbiliti standards infurzabbli biex l-akkomodazzjoni tinżamm affordabbli u sostenibbli”; (viii) “Jinżammu n-nies fi djarhom matul ir-rinnovazzjoni ffinanzjata mill-UE”; (ix) “Tiġi stabbilita l-Aġenzija tal-UE għall-Akkomodazzjoni biex tirregola b’mod trasparenti”. L-inizjattiva emendata tinkludi anness li jipprovi aktar dettalji dwar l-isfond tagħha, is-suġġett tagħha u l-oġettivi tagħha. Dokument addizzjonali li fih proposta legali ġie ppreżentat mill-organizzaturi bħala parti mit-talba ta’ reġistrazzjoni tagħhom.

- (6) Il-Kummissjoni tqis li fir-rigward tal-miżuri (i), (ii), (iv) u (ix), f’dan l-istadju ma jistax jiġi eskluż li, abbażi tal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), il-Kummissjoni tista’ tipproponi miżuri: biex jiġu rregolati l-kirjiet għal żmien qasir u l-postijiet battala; relatati mal-konverżjoni ta’ bini mhux użat f’akkomodazzjoni; b’azzjoni kontra l-ispekulazzjoni; rigward l-istabbiliment ta’ Aġenzija tal-UE għall-Akkomodazzjoni.
- (7) Fir-rigward tal-miżuri (v) u (vi), f’dan l-istadju ma jistax jiġi eskluż li l-Kummissjoni tista’ tipproponi r-riforma tar-regoli fiskali u l-ħolqien ta’ fond tal-UE għall-akkomodazzjoni, abbażi tal-Artikoli 113 u 115 tat-TFUE u l-Artikoli 174 u 175 tat-TFUE.
- (8) Fir-rigward tal-miżura (iii), f’dan l-istadju ma jistax jiġi eskluż li l-Kummissjoni tista’ tipproponi miżuri relatati ma’ ċerti aspetti tal-permessi għall-akkomodazzjoni, abbażi tal-Artikoli 192 u 194 tat-TFUE.
- (9) Fir-rigward tal-miżura (vii), f’dan l-istadju ma jistax jiġi eskluż li l-Kummissjoni tista’ tipproponi miżuri biex tistabbilixxi standards infurzabbli biex l-akkomodazzjoni tibqa’ affordabbli, abbażi tal-Artikoli 64 u 114 tat-TFUE.
- (10) Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-miżura (viii), f’dan l-istadju ma jistax jiġi eskluż li l-Kummissjoni tista’ tintroduċi emendi mmirati għal strumenti speċifiċi ta’ finanzjament tal-UE biex tiproteġi lill-kerrejja mill-ispostament, abbażi tal-Artikoli 175, 177, 178 u 322 tat-TFUE.
- (11) Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-ebda parti mill-inizjattiva ma taqa’ manifestament barra mill-qafas tas-setgħat tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta għal att legali tal-Unjoni għall-fini tal-implimentazzjoni tat-Trattati.
- (12) Dik il-konklużjoni ma taffettwax il-valutazzjoni dwar jekk il-kundizzjonijiet sostantivi konkreti meħtieġa biex il-Kummissjoni taġixxi, inkluża l-konformità mal-prinċipji tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà u l-kompatibbiltà mad-drittijiet fundamentali, ikunux issodisfati f’dan il-każ.
- (13) Il-grupp ta’ organizzaturi pprova evidenza xierqa li huwa jissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 5(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2019/788 u ħatar il-persuni ta’ kuntatt f’konformità mal-Artikolu 5(3), l-ewwel subparagrafu, ta’ dak ir-Regolament.
- (14) L-inizjattiva la hija manifestament abbużiva, frivola jew vessatorja u lanqas ma tmur manifestament kontra l-valuri tal-Unjoni kif stabbiliti fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jew kontra d-drittijiet minqixin fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.
- (15) L-inizjattiva intitolata “Id-Dritt għal Dar! Issa u Dejjem” għandha għalhekk tiġi rreġistrata.
- (16) Il-konklużjoni li l-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 6(3) tar-Regolament (UE) 2019/788 huma ssodisfati, ma timplikax li l-Kummissjoni b’xi mod

jew ieħor tikkonferma l-korrettezza fattwali tal-kontenut tal-inizjattiva, li hija r-responsabbiltà unika tal-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva. Il-kontenut tal-inizjattiva jesprimi biss il-fehmiet tal-grupp ta' organizzaturi, u bl-ebda mod ma jista' jitqies li jirrifletti l-fehmiet tal-Kummissjoni.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-inizjattiva taċ-ċittadini Ewropej intitolata “Id-Dritt għal Dar! Issa u Dejjem” għandha tiġi rreġistrata.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-grupp ta' organizzaturi tal-inizjattiva taċ-ċittadini intitolata “Dritt għal Dar! Issa u Dejjem”, irrappreżentat minn Josiane SCHMIDT u Francesca Romana D'ANTUONO li jaġixxu bħala persuni ta' kuntatt.

Magħmul fi Brussell, 17.7.2026

Għall-Kummissjoni
Maroš ŠEFČOVIČ
Membru tal-Kummissjoni